**6 ta' Marzu, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Caruana

*versus*

Angelo Caruana *et*

**Sentenza – Ġudikat – Res Judicata – Nullità**

*Sentenza li tgħaddi in ġudikat ma tistax tiġi attakkata b'nullità fuq il-bażi ta' xi difett proċedurali fl-otteniment tagħha. Jekk dik is-sentenza la tiġi appellata u l-anqas ritrattata tgħaddi in ġudikata b'mod li ma tkunx iżjed tista' tiġi attakkata u hija rrevokabbli.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu 1983 mogħtija fil-kawża fl-ismijiet ''Giuseppi Caruana u b'digriet tal-11 ta' Lulju 1982, l-atti tal-kawża ġew trasfusi fil-persuni ta' Angelo u Maria aħwa Caruana vs Alfred Caruana'', hija nulla għaliex dik is-sentenza ġiet mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Marzu 1983, meta l-kawża ma kenitx differita għas-sentenza, billi fis-

seduta preċedenti tat-22 ta' Novembru 1982, kif jidher mill-verbal relattiv, il-kawża kienet differita għaliex l-Imħallef sedenti kien okkupat fil-Qorti Kriminali;

Premess li skond l-Artikolu 209 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, wara li tingħalaq it-trattazzjoni, il-Qorti għandha tħalli l-kawża għad-deċiżjoni għall-ġurnata li tiġi fissata għal daqshekk; u dana ma sarx f'dik il-kawża;

Premess li f'dik il-kawża ma saret l-ebda prova mill-atturi (il-konvenuti odjerni) li kienu talbu t-trasfuzzjoni tal-ġudizzju favur tagħhom wara l-mewt tal-attur Giuseppe Caruana, rigward l-allegat spoll;

Talab għalhekk l-attur li l-imsemmija sentenza tal-11 ta' Marzu 1983, mogħtija fil-kawża "Giuseppi Caruana *et* vs Alfred Caruana" tiġi dikjarata nulla u bla ebda effett in konfront tal-attur Alfred Caruana, bil-konsegwenzi kollha legali ta' din id-dikjarazzjoni ta' nullità, u dana għar-raġunijiet fuq speċifikati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ....tat-13 ta' Lulju, 1987;

Rat il-petizzjoni tal-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-appellant huma dawn li ġejjin, u ċjoè:-

1. Huwa talab dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza msemmija fiċ-ċitazzjoni billi fil-fatt kienet nulla billi ma kinux ġew osservati r-regoli tal-proċedura, u dak li huwa null, qisu qatt ma eżista u billi qatt ma eżista ma jista' jipproduċi l-ebda effett. Sentenza nulla ma tistax tipproduċi l-effetti tagħha, u għalhekk ma tistax tgħaddi in ġudikat;

2. Huwa veru li huwa seta' jinterponi appell kontra dik id-deċiżjoni u dan ma sarx, però dan ma jfissirx li hu ma jistax jipproċedi bil-kawża odjerna, għaliex kif ġie sottomess dik is-sentenza kienet nulla u baqgħet nulla anke meta ma sarx appell kontra tagħha, għaliex "*Quod nullum est, nullum producit effectum*".

Illi dawn l-aggravji però fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistgħu qatt ikunu fondati. In fatti apparti mill-kwistjoni dwar jekk sentenza tistax tiġi attakkata *per via di azione* hemm l-aspett tar-*res judicata* li llum huwa kopert bl-irrimedjabilità assoluta. M'hemmx dubbju infatti li fil-każ "*de quo*" wara li ngħatat is-sentenza, li llum l-appellant qed jgħid li hi nulla, mhux biss ma nterponiex appell minnha iżda anke ħalla jiskadi ż-żmien utili dipsonibbli biex talvolta jitlob ritrattazzjoni. L-imsemmija sentenza għalhekk għaddiet irrimedjabilment in ġudikat u ma jistax l-attur appellant jippretendi li issa għandu rimedji, illi li kieku kellhom lilu jiġu konċessi, jirrendu inutli l-kunċett kollu tar-*res judicata*, anzi jistlutifikawh għal kollox. Meta l-imsemmija sentenza għal raġunijiet li jafhom l-appellant, la ġiet appellata u l-anqas ma ntalbet ritrattazzjoni tagħha, u llum skada kull żmien għal ritrattazzjoni, hija assumiet karattru ta' veridiċità billi għaddiet irrimedjabilment in ġudikat u llum m'hemmx rimedju legali biex il-kontestazzjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetaħ mill-ġdid. Dik is-sentenza llum hija rrevokabbli u

għalhekk is-sentenza appellata ma tistax tiġi revokata;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Inoltre peress li din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-appell ma jmissu qatt sar, bħal ma dal resto anqas qatt ma jmissha saret l-azzjoni de quo mill-attur li mhux biss kien kontumaċi f'dik il-kawża, iżda għal erba' xhur sħaħ baqa' sokkombenti għal dik is-sentenza, jsegwi li l-istess appell ma jistax ħlief jitqies bħala frivolu u vessatorju. Għalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 għar-rigward tal-ispejjeż ta' dan l-appell tikkundanna lill-attur appellant iħallas lill-appellat l-ispejjeż għal darbtejn.